u għalhekk kull ktieb li ġej minn Alla jaqbel mal-Liġi u ma' dak kollu li hu ġej minn Alla. Mnn dawn naraw li l-erba' kriterji li fuqhom mibni l-Kanon tal-Palestina ma kienux għajr qlajjiet tal-Fariżej u għalhekk ma huma ta' l-ebda siwi; meta l-Kanon hu l-ġabra naturali ta' kotba li kienu minn dejjem magħrufin bħala spirati minn Alla u kanoniki.

Iżda jista' wieħed jistaqsi: fuq liema kriterji mibni l-Kanon Lixandrin? Huwa magħruf li barra mill-kotba li jinsabu fil-Kanon Lixandrin kien hemm oħrajn, bħal ma huma t-Tielet u r-Raba' Ktieb ta' Esdra, it-Tielet u r-Raba' Ktieb tal-Makkabej, is-Salmi ta' Salamun, li nsibuhom ukoll imħalltin mal-Kotba Mqaddsa, imma li ma humiex Kotba Mqaddsa.

Għal din il-mistoqsija ma hemmx tweġiba ċara. Il-għorrief aktarx jaħsbu li l-Kanon Lixandrin mibni fuq it-Tradizzjoni tal-Lhud; żda ma għandniex ninsew li fost il-Lhud ma kienx hemm tradizzjoni divina, bħal ma nsibu fil-Knisja Kattolika, li Alla żejjen bil-kariżma ta' l-Infallibiltà u li għalhekk ma tistax tiżbalja fi ħwejjeġ tal-Fidi u tal-morali.

Għalhekk oħrajn jaħsbu, u jidhrilna li l-fehma tagħhom hija wisq aħjar minn dik li għadna kemm insemmu, li Alla kien jinqeda bil-Profeti sabiex imexxi lil-Lhud fit-triq tas-Sewwa. Il-Profeta jfisser bniedem li jitkellem minflok Alla. Għalhekk il-kliem tal-Profeta huwa l-kliem t'Alla. Meta l-Profeta kien jitkellem il-kliem tiegħu, kien ikun milqugħ bħala kliem Alla; u meta l-Profeta ma kienx jinqeda bil-kelma, imma bil-kitba, il-ktieb tiegħu kien ikun magħruf bħala ktieb t'Alla, ispirat u kanoniku.

Xi ħadd jista' jgħid: Imma aħna ma nafux min kiteb kull wieħed mill-kotba tal-Għaqda l-Qadima; mela ma nistgħux nafu jekk hux ispirat u kanoniku!

Għal din id-diffikultà nwieġbu li għad li l-lum ma nafux min kiteb kull wieħed mill-Kotba tal-Għaqda l-Qadima, ma għandniex naħsbu li dawn il-kotba waqgħu mis-sema. Xi ħadd kitibhom, u min kitibhom kien magħruf min-nies ta' żmienu. Ġara li wara li dawn il-kotba kienu magħrufa bħala spirati, l-isem ta' min kitibhom intesa. Imma b'daqshekk il-kotba baqgħu li kienu, ispirati u kanoniki.

Jidhrilna li milli għedna wieħed jista' jifhem kif saret il-Bibbja tal-Għaqda l-Qadima. Darb'oħra nitħaddtu fuq dik tal-Għaqda l-Ġdida.

P. Serafin M. Zarb, O.P.

# IL-ĦTIN FIL-BIBBJA

Il-ħtin, jew kif igħidulu bit-Taljan, *circoncisione*, hija drawwa li kienet imxerrda fost wisq ġnus fil-qedem, bħal ma hija wkoll daż-żmien. Seba' mitt sena qabel ma twieled Kristu, il-Profeta Ġeremija kiteb dal-kliem: "Ara li għad jasal żmien (igħid il-Mulej) li jsir il-ħaqq minn dawk li huma *maħtunin biss fil-laħam*: il-Masrijin u l-Lhudin; l-Adomin u Beni-Għamman; il-Mo-Abin u l-Għarab" (Ġeremija, IX 25-26).

Fil-Masar, jiġifieri l-*Eġittu*, il-ħtin kien imħares sa minn żmien l-Imperu l-Qadim. Jekk ma kienx jinħaten kull ħadd, kiesu jinħatnu l-kbarat ta' dik l-art: jiġifieri l-qassisin u l-għonja. Kif igħid Herodotus (II, 104), il-Mas-

rijin għallmu l-ħtin lill-Feniċi u lis-Surijin tal-Palestina; u minnhom ukoll tgħallmuh il-Għarab, li kienu jħarsuh żmien twil qabel il-miġja ta' Muħammed. Muħammed mhux biss li ma jgħallimx il-ħtin fil-Quran, imma anqas biss isemmih.

Daż-żmien, il-Ġnus li jħarsu l-ħtin, huma, qishom, mis-sebgħa waħda taddinja. Fost dawn hemm għadd kbir ta' qbula, jew taqsimiet ta' nies ta' l-Afrika, fosthom ukoll xi nsara, bħal ma huma l-Qoptin u l-Abbissini; u mhux ftit min-nies ta' l-Awstralja u tal-Polinesja, ta' l-Amerika t'Isfel u l-Asja tan-Nofs.

Il-ħtin ma jsirx kullimkien xorta waħda. L-aktar li ssir, imma, hi t-taqsisa sħiħa tal-ġilda tal-laħma tassubjien (il-qtugħ barra tal-ġilda kollha). Hemm oħrajn, imma li l-ġilda ma jaqtgħuhiex barra, imma jxoqquha minn fuq għal isfel biss. Hemm ftit oħrajn li jaħtnu wkoll lill-bniet.

Bosta fost l-għorrief jaħsbu li fil-bidu l-ħtin kien isir bħala għotja 'l Alla, jew bħala dħul tas-sabi fix-xirka tar-rġiel. Herodotus igħid li l-Masrijin kienu jħarsu l-ħtin għall-indafa, imma din il-fehma l-lum, għadhom jemmnuha ftit nies.

Kien x'kien it-tifsir tal-ħtin fil-bidu, il-Lhud jgħodduh bħala egħmil ta' ħtieġa u hemma kbira. Meta Abram kellu disa' u disgħin sena, Alla amru li jinħaten hu, u wliedu u wlied uliedu, *bħala egħliema ta' ftehim bejnu u bejn in-nies il-magħżula*: "Aħtnu laħmitkom, b'egħliema ta' ftehim bejni u bejnkom. Fil-għomor ta' tmint ijiem ikun maħtun fostkom kull sabi, dak li jitwieled id-dar u dak li jixtara, li mhux minn demmkom... is-sabi li ma jkunx maħtun, li ma tkunx maqtugħa l-ġilda ta' laħamtu, *ikun maqtugħ hu minn bejn niesu*, għax kiser il-kelma tiegħi (Ktieb in-Nisel, XVII, 11-14).

Għal kemm it-theddida għal min ma jkunx maħtun kienet kbira, dawk li twieldu ma' tul il-mixja twila ta' l-Iżraelijin fix-xôri, bejn il-Masar u l-Art Imwegħda, ma nħatnux. Mhux ħaġa kbira li Alla biex iħallashom talli gemgmu minnu f'Kades (Ktieb il-Għadd, XX, 1), amarhom li ma jinħatnux, billi l-ħtin kien egħliema ta' ftehim bejn il-Lhud u bejnu. Billi huma kisru l-ftehima, kienu bħala mifrudin u maqtugħin minn Jaħwe. Imma malli waslu biex imiddu riġlejhom fl-Art Imwegħda, Alla amar lil Ġożwe li jagħmel skieken taż-żnied u jaħten mill-ġdid l-ulied kollha ta' Iżrael (V, 2). Hekk il-ftehima bejn Alla u l-ġens tiegħu kienet imġedda.

Imma l-aqwa għożża u hemma ngħatat lil ħtin wara li l-Lhud kienu reggħu ġew min-nefi (jew *eżilju*) tal-Babilonja; u kienu mhejjijin saħansitra li jieħdu l-mewt, aktar milli jibqgħu mingħajru (ara I Ktieb il-Makkabin, I, 36; u II VI, 10). Wara li għaddiet il-moħqrija ta' żmien Antjokus IV Epifân, fis-sena 167 qabel Kristu, il-ħtin u l-ħarsien tas-Sibt daqs kemm għożżewhom il-Lhud, bdew igħidu li kienu neżlin mis-sema. Min kiteb il-ktieb Apokrifu tal-Ġublej, xi mitt sena qabel Kristu, qal li l-Anġli wkoll kienu maħtunin (XV, 27).

Ftit ftit, imma l-Lhud insew it-tifsir li kellu l-ħtin. Ma baqgħux iqisu li mal-ħtin tal-laħam kellu jissieħeb ukoll il-ħtin tal-egħmil fil-ħajja. Insew li l-qtugħ barra tal-ġilda, bħala ħaġa mniġġsa, kien ifisser il-qtugħ mill-qalb ta' kull ġibda ħażina, biex b'hekk jitħares kull amar t'Alla li kien jinsab miktub fil-Liġi. Il-ħtin, bosta Lhud bdew iqisuh bħala ħaġa tas-sħa-

rijiet, li min jagħmlu, bih biss, jitħares mid-dem.

Kif igħidu r-Rabbin Lhud, fil-pajjiż tal-Mewt, Abraham joqgħod ħada l-bieb tad-dagħbien ta' *l-infern* u ma jħallix li jinżel fih ebda Israeli li jkun maħtun. Jekk imur hemm xi Israeli, maħtun, imma ħażin wisq li ma jistax idaħħlu l-ġenna, qabel ma jixħtu finnar tad-dagħbien, jarġa' jtellagħlu l-ġilda ta' laħamtu bħal ma kienet qabel ma nħaten (Ġenesi Rabba, XLVII 8)

Il-ħtin tal-ġisem biss, mingħajr ittifsir tiegħu tar-ruħ, kien immaqdar mill-Profeti. Dawn kienu jgħidu li mal-ħtin tal-ġisem kellhom ikunu maħtuna wkoll il-widnejn u l-qalb, biex l-Israelijin jisimgħu b'widnejhom kliem Alla fil-Liġi u jħarsuh b'qalbhom, mhux jaħtnu laħmithom u kliem Alla jħalluh għaddej mar-riħ. "Inħatnu lil Mulej u aqtgħu u neħħu l-ġilda ta' qalbkom, ja wlied il-Lhud u intom li tgħammru Ġerusalem; biex għadbi ma jinfexx fikom bħala nar, u jaħraqkom" (Ktieb Ġeremija, IV, 4; ara wkoll VI, 10, IX, 25. Eżekjel, XLIV, 7 u Atti, VII, 51).

*Kif kien isir il-Ħtin.* — Il-ħtin isir jew fid-dar inkella fil-knisja, quddiem, mill-anqas, għaxra min-nies, bħala xhieda. Kienu jħejju żewġ imgħaqad ta' ġiħ, maqgħad għall-parrin u maqgħad għall-Profeta Elija, li kienu jaħsbu li jiġi jara l-ħtin. Il-ġilda kien jaqtagħha jew raġel li jġibuh għal daqs hekk, inkella missier is-sabi. Hu u jaqta' l-ġilda kien igħid: "Imbierek il-Mulej Alla ta' misserijietna li qaddisna bit-tusijiet tiegħu u li tana l-ħtin." Missier is-sabi, li kellu jkun hemm dejjem waqt il-ħtin, kien iwieġeb: "Li tana l-jedd li ndaħħlu dan l-iben fisshubija ta' missierna Abraham." U l-ħaddara kollha jwieġbu: "Ikun imbierek min Alla għażlu b'ibnu."

Bihi Alla meta ta l-amar tal-ħtin lil Abram, biddillu ismu f'*Abraham*, il-Lhud kienu jagħtu l-isem lis-sabi waqt il-ħtin tiegħu. San Luqa wkoll jgħid li meta ġew biex jaħtnu lil Ġesù Bambin: "tawh l-isem ta' Ġesù, kif kien imsejjaħ mill-Anġlu qabel ma tnissel f'ġuf Ommu" (Luqa, II, 21).

*Il-Ħtin u l-Magħmudija.* — Il-kotra l-kbira tat-Teologi jgħidu li mal-ħtin kienet tingħata *l-grazzja santifikanti*, billi s-sabi kien ikun magħdud malġemgħa ta' dawk li jemmnu. Imma l-ħtin ma kienx jagħmel dan minnu n-nifsu (per se), imma bħala dell tal-magħmudija. Xi ħaġa bħal meta d-demm li xxerred fuq ħwieser il-bibien tal-Lhud fil-Masar, ma ħeles mill-qirda lil ulied Israel minnu n-nifsu, imma bħala xbieha tad-demm li kellu jxerred il-Ħaruf bla tebgħa Ġesù (ara Summa Theol., 3, qu. 70; a. 4). Il-ħtin dam jiswa sa kemm Sidna Ġesù Kristu biddlu u għamel minn bdielu l-Magħmudija (Atti, XV, 5-29).

Fl-Ittra lil Kolossin (II, 11-12), San Pawl igħid li bil-Magħmudija l-Insara jieħdu l-ħtin tas-sewwa li għamlu Sidna Ġesù n-nifsu, li hija t-tneħħija tal-*bniedem tal-laħam* jew *tad-dnub*. Biha l-Insara jmutu ma' Ġesù u jerġgħu jqumu miegħu, imnisslin mill-ġdid għal ħajja ġdida.

P. Ġacint Faccio, O.F.M.